MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 83/2015

Ab

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi hija zzewget lill-intimat Charles Gauci fl-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), fil-Knisja Parocca tal-Isla;
2. Illi r-rikorrenti u l-intimat ilhom separati legalment sa mis-sena elfejn u disgha (2009);
3. Illi filfatt, huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni taghhom fl-ghoxrin (20) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009)
4. Illi ma hemm ebda manteniment dovut lir-rikorrenti mill-intimat, filwaqt illi l-manteniment dovut versu l-minuri binhom, dejjem thallas u ghalhekk ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet;
5. Illi konsegwentement m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
6. Illi r-rikorrenti ddiskutiet wkoll din il-possibilita` mal-avukati sottoskritta, u jidher car illi ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat;
7. Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal perjodu li jammonta ghal aktar minn erba` snin matul il-hames snin minnufih precedenti;
8. Illi **<u>ghaldaqstant</u>** jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet Marouska Fabri u Charles Gauci ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. TIDDIKJARA li z-zwieg tar-rikorrenti celebrat ma' Charles Gauci nhar <u>l-erbatax ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed</u> (2001) gewwa l-Knisja tal-Parocca tal-Isla, u konsegwentement registrat gewwa r-Registru taz-Zwigijiet gol-Belt Valletta, **<u>hu mahlul u li ghalhekk il-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.</u>**

ii. <u>TORDNA</u> lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta li giet guramentata mill-intimat, li permezz taghha jikkonferma dak kollu ddikjarat mill-attrici fir-rikors taghha u ma jopponix ghat-talbiet attrici;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Marzu, 2015;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta’ Awissu tas-sena 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------